22003D0030

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 30/2003

ta' l-14 ta' Marzu 2003

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2002 tas-6 ta' Diċembru 2002 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2002 tal-21 ta' Marzu 2002 li jemenda l-Anness ¬ tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE u li jemenda d-Deċiżjoni 2000/330/KE ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/261/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li temenda d-Deċiżjoni 93/198/KEE li tistabbilixxi l-mudell għall-kondizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' l-annimali domestiċi li huma tan-nagħaġ jew bħan-nagħaġ u tal-mogħoż jew bħal mogħoż minn pajjiżi terzi u li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ ġewwa l-Komunità fl-annimali tan-nagħaġ jew bħan-nagħaġ u tal-mogħoż jew bħall-mogħoż ([3]), kif ikkoreġuta mill-ĠU L 94, tal-11.4.2002, p. 34, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/270/KE tad-9 ta' April 2002 li temenda d-Deċiżjonijiet 93/24/KEE, 93/244/KEE u 2001/618/KE fir-rigward tal-lista ta' l-Istati Membri u r-reġjuni mingħajr il-marda ta' Aujeszky u r-reġjuni fejn il-programmi approvati biex tinqered il-marda ta' Aujeszky qegħdin jitħaddmu ([4]) għandha tkun inkoporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/279/KE tat-12 t'April 2002 li temenda d-Deċiżjoni 2000/666/KE u d-Deċiżjoni 2001/106/KE fir-rigward ta' l-istabbiliment tal-mudell għal-listi tal-faċilitajiet approvati għall-kwarantina jew ċentri għall-importazzjoni tat-tjur fl-Istati Membri ([5]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/341/KE tat-3 ta' Mejju 2002 li temenda d-Deċiżjoni 2001/296/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji approvati biex jiċċekkjaw l-effettività tal-vaċċinazzjon kontra l-idrofobija f'ċerti karnivori domestiċi ([6]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 3.
([2]) ĠU L 80, tat-23.3.2002, p. 22.
([3]) ĠU L 91, tas-6.4.2002, p. 31.
([4]) ĠU L 93, ta' l-10.4.2002, p. 7.
([5]) ĠU L 99, tas-16.4.2002, p. 17.
([6]) ĠU L 117, ta' l-4.5.2002, p. 13.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/482/KE tal-21ta' Ġunju 2002 li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE li tirrekordja l-konformità minn ċerti Stati Membri jew reġjuni bil-ħtiġijiet dwar il-bruċelloża (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda ([7]) għandha tkun inkoporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/544/KE ta' l-4 ta' l-Lulju 2002 li tirrikonoxxi s-sistema tan-networks tas-sorveljanza għall-azjendi tal-bovini implimentata fil-Belġju skond id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([8]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1226/2002 tat-8 ta' Lulju 2002 li jemenda l-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([9]) għandu jkun inkoporat fil-Ftehim.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/588/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li temenda d-Deċiżjoni 1999/466/KE li tistabbilixxi l-istatus uffiċjali tal-ħelsien mill-bruċelloża tal-merħliet tal-bovini ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni ta' l-Istati Membri ([10]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 li jemenda l-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fil-Komunità u l-importazzjoni lejn il-Komunità ta' l-annimali, tas-semen, tal-bajd u ta' l-embrijoni li mhux suġġetti għall-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(1) tad-Direttiva 90/425/KEE ([11]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/598/KE tal-15 ta' Lulju 2002 li tapprova l-vaċċin kontra l-bruċelloża tal-bovini fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ([12]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(13) Din id-Deċiżjoni m'għandix tapplika għall-Islanda u għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 535/2002, 1226/2002 u 1282/2002 u d-Deċiżjonijiet 2002/261/KE, 2002/270/KE, 2002/279/KE, 2002/341/KE, 2002/482/KE, 2002/544/KE, 2002/588/KE u 2002/598/KE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

([7]) ĠU L 166, tal-25.6.2002, p. 23.
([8]) ĠU L 176, tal-5.7.2002, p. 46.
([9]) ĠU L 179, tad-9.7.2002, p. 13.
([10]) ĠU L 187, tas-16.7.2002, p[. 52.
([11]) ĠU L 187, tas-16.7.2002, p[. 3.
([12]) ĠU L 194, tat-23.7.2002, p. 45.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom ikunu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

L-ANNESS TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 30/2003

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt:

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jkunu miżjuda ma' punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) fil-Parti 4.1:

"— **32002 R 0535**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/2002 tal-21 ta' Marzu 2002 (ĠU L 80, tat-23.3.2002, p. 22),

— **32002 R 1226**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1226/2002 tat-8 ta' Lulju 2002 (ĠU L 179, tad-9.7.2002, p. 13)."

2. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE) fil-Parti 4.1:

"— **32002 D 0261**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/261/KE tal-25 ta' Marzu 2002 (ĠU L 91, tas-6.4.2002, p. 31), kif ikkoreġuta mill-ĠU L 94, tal-11.4.2002, p. 34."

3. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 4.1 u 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 8.1:

"— **32002 R 1282**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 3)."

4. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE) fil-Parti 4.2:

"— **32002 D 0482**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/482/KE tal-21 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 166, tal-25.6.2002, p. 23)."

5. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 46 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/466/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32002 D 0588**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/588/KE tal-11 ta' Lulju 2002 (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 52)."

6. Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 55 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/330/KE) fil-Parti 4.2:

", kif emendata mir-:

– **32002 R 0535**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2002 tal-21 ta' Marzu 2002 (ĠU L 80, tat-23.3.2002, p. 22)."

7. Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 61 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/106/KE) fil-Parti 4.2:

", kif emendata mid-:

– **32002 D 0279**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/279/KE tat-12 t' April 2002 (ĠU L 99, tas-16.4.2002, p. 17)."

8. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 62 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/296/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32002 D 0341**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/341/KE tat-3 ta' Mejju 2002 (ĠU L 117, ta' l-4.5.2002, p. 13)."

9. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 64 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32002 D 0270**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/270/KE tad-9 t'April 2002 (ĠU L 93, ta' l-10.4.2002, p. 7)."

10. Il-punt li ġej għandu jkun inkluż wara l-punt 66 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/308/KE) fil-Parti 4.2:

"67. **32002 D 0598**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/598/KE tal-15 ta' Lulju 2002 li tapprova l-vaċċin kontra l-bruċelloži tal-bovini fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (ĠU L 194, tat-23.7.2002, p. 45)."

11. Taħt l-Intestatura "ATTI LI TAGĦĦOM L-ISTATI TA" L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-ASSOĊJAZZJONI EWROPEA TAL-KUMMERĊ ĦIELES SER JIEĦDU AKKONT DOVUT', il-punt li ġej għandu jkun inkluż wara l-punt 52 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/304/KE) fil-Parti 4.2:

"53. **32002 D 0544**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/544/KE ta' l-4 ta' Lulju 2002 li tirrikonoxxi s-sistema tan-*networks* tas-sorveljanza għall-azjendi tal-bovini implementati fil-Belġju skond id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (ĠU L 176, tal-5.7.2002, p. 46)."